

Brussell, 27 ta' Frar 2026
(OR. en)

6393/26

AGRILEG 33
VETER 23
DELECT 32

NOTA PUNT "I/A"

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil:	Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti/Kunsill
Suġġett:	<p>REGOLAMENT DELEGAT TAL-KUMMISSJONI (UE) .../... li jissupplimenta r-Regolament (UE) 2016/429 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, fir-rigward tar-rekwiżiti tas-saħħa tal-annimali għall-movimenti mhux kummerċjali tal-annimali domestiċi</p> <p>REGOLAMENT DELEGAT TAL-KUMMISSJONI (UE) .../... li jemenda r-Regolament Delegat (UE) 2019/2035 fir-rigward tar-regoli għat-traċċabbiltà tal-klieb, tal-qtates u tal-inmsa miżmuma</p> <p>REGOLAMENT DELEGAT TAL-KUMMISSJONI (UE) .../... li jemenda r-Regolament Delegat (UE) 2020/688 fir-rigward tar-regoli għall-movimenti fl-Unjoni ta' klieb, qtates, inmsa u karnivori oħrajn miżmuma</p> <p>REGOLAMENT DELEGAT TAL-KUMMISSJONI (UE) .../... li jemenda r-Regolament Delegat (UE) 2020/689 fir-rigward tar-regoli għas-sorveljanza u għall-istatus ta' ħelsien mill-mard minn infestazzjoni ta' Echinococcus multilocularis</p> <p>REGOLAMENT DELEGAT TAL-KUMMISSJONI (UE) .../... li jemenda r-Regolament Delegat (UE) 2020/692 fir-rigward tar-regoli għad-dħul fl-Unjoni, u l-moviment u l-immaniġġar wara d-dħul ta' konsenji ta' klieb, qtates u inmsa</p> <p>- Intenzjoni li ma jitqajmux oġġezzjonijiet</p>

1. Fl-20 ta' Jannar 2026, il-Kummissjoni ppreżentat lill-Kunsill l-atti delegati li ġejjin f'konformità mal-proċedura stipulata fl-Artikolu 290 TFUE u b'mod partikolari mal-Artikoli speċifiċi tar-Regolament (UE) 2016/429 ("Liġi dwar is-Saħħa tal-Annimali")¹ indikati hawn taħt:
 - a. REGOLAMENTO DELEGAT TAL-KUMMISSJONI (UE) .../... li jissupplimenta r-Regolament (UE) 2016/429 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, fir-rigward tar-rekwiżiti tas-saħħa tal-annimali għall-moviment mhux kummerċjali tal-annimali domestiċi (C(2026) 0020 final)²
 - *bażi legali: it-tieni subparagrafu tal-Artikolu 3(5), l-Artikolu 245(3), l-Artikolu 246(3), l-Artikolu 249(3), l-Artikolu 252(1) u l-Artikolu 254 tal-Liġi dwar is-Saħħa tal-Annimali*
 - b. REGOLAMENTO DELEGAT TAL-KUMMISSJONI (UE) .../... li jemenda r-Regolament Delegat (UE) 2019/2035 fir-rigward tar-regoli għat-traċċabbiltà tal-klieb, tal-qtates u tal-inmsa miżmuma (C(2026) 0021 final)³
 - *bażi legali: it-tieni subparagrafu tal-Artikolu 3(5) u l-Artikolu 118(1) u (2) tal-Liġi dwar is-Saħħa tal-Annimali*
 - c. REGOLAMENTO DELEGAT TAL-KUMMISSJONI (UE) .../... li jemenda r-Regolament Delegat (UE) 2020/688 fir-rigward tar-regoli għall-movimenti fl-Unjoni ta' klieb, qtates, inmsa u karnivori oħrajn miżmuma (C(2026) 0022 final)⁴
 - *bażi legali: it-tieni subparagrafu tal-Artikolu 3(5), l-Artikolu 136(2) u l-Artikolu 140, il-punt (a)(i) tal-Liġi dwar is-Saħħa tal-Annimali*
 - d. REGOLAMENTO DELEGAT TAL-KUMMISSJONI (UE) .../... li jemenda r-Regolament Delegat (UE) 2020/689 fir-rigward tar-regoli għas-sorveljanza u għall-istatus ta' ħelsien mill-mard minn infestazzjoni ta' Echinococcus multilocularis (C(2026) 0023 final)⁵
 - *bażi legali: l-Artikolu 29, l-Artikolu 39, l-Artikolu 41(3) u l-Artikolu 42(6) tal-Liġi dwar is-Saħħa tal-Annimali*

¹ Ir-Regolament (UE) 2016/429 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-9 ta' Marzu 2016 dwar il-mard trasmissibbli tal-annimali u li jemenda u jħassar ċerti atti fil-qasam tas-saħħa tal-annimali ("Liġi dwar is-Saħħa tal-Annimali")

² ST 5586/26

³ ST 5591/26 + ADD 1

⁴ ST 5588/26 + ADD 1

⁵ ST 5592/26 + ADD 1

2. Fid-9 ta' Frar 2026, il-Kummissjoni ppreżentat lill-Kunsill l-att delegat li ġej f'konformità mal-proċedura stipulata fl-Artikolu 290 TFUE u b'mod partikolari mal-Artikolu 234(2) tar-Regolament (UE) 2016/429 ("Liġi dwar is-Saħħa tal-Annimali"):
 - REGOLAMENT DELEGAT TAL-KUMMISSJONI (UE) .../... li jemenda r-Regolament Delegat (UE) 2020/692 fir-rigward tar-regoli għad-dħul fl-Unjoni, u l-moviment u l-immaniġġar wara d-dħul ta' konsenji ta' klieb, qtates u inmsa (C(2026) 0024 final).⁶
3. L-għan tal-ħames atti delegati interkonnessi msemmija fil-punti 1 u 2 huwa li jinkorporaw ir-regoli dwar il-movimenti mhux kummerċjali tal-annimali domestiċi attwalment stabbiliti fir-Regolament (UE) Nru 576/2013⁷, li tħassar bil-"Liġi dwar is-Saħħa tal-Annimali" b'perjodu tranżitorju sal-21 ta' April 2026, u li joħolqu sett ġdid ta' regoli applikabbli għall-movimenti mhux kummerċjali tal-annimali domestiċi skont il-"Liġi dwar is-Saħħa tal-Annimali". Il-Kunsill jista' joġġezzjona għall-atti delegati msemmija fil-punt 1 ta' din in-nota sal-21 ta' Marzu 2026 u għall-att delegat imsemmi fil-punt 2 sal-10 ta' April 2026.
4. Fit-12 ta' Frar 2026, il-Kummissarju Várhelyi indirizza ittra⁸ lill-Presidenza fejn talab nuqqas ta' oġġezzjoni bikri mill-Kunsill fir-rigward tal-ħames atti delegati sabiex jiġi evitat vojt ġuridiku u biex tiġi żgurata tranżizzjoni bla xkiel mir-regoli stabbiliti fir-Regolament (UE) Nru 576/2013 għal dan is-sett ġdid ta' regoli.
5. Matul il-proċedura ta' silenzju informali mnedija wara li waslu l-atti delegati msemmija hawn fuq, delegazzjoni waħda qajmet oġġezzjoni⁹ għall-att delegat imsemmi fil-punt 1 a. ta' din in-nota. Ma tqajmet l-ebda oġġezzjoni għall-atti delegati msemmija fil-punti 1 b, 1 c, 1 d u l-punt 2 ta' din in-nota.

⁶ ST 6241/26 + ADD 1.

⁷ Ir-Regolament (UE) Nru 576/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-12 ta' Ġunju 2013 dwar il-movimenti mhux kummerċjali tal-annimali domestiċi u li jħassar ir-Regolament (KE) Nru 998/2003.

⁸ ST 6392/26.

⁹ WK 2825/2026.

6. Konsegwentement, il-Presidenza organizzat laqgħa tal-Kunsillieri/Attachés (Agri – Annimali u Kwistjonijiet Veterinarji) fil-25 ta' Frar 2026 biex tindirizza l-oġġezzjoni mqajma għall-att delegat imsemmi fil-punt 1 a. F'dik il-laqgħa, il-Presidenza nnotat li ma kien hemm l-ebda maġġoranza kwalifikata favur l-oġġezzjoni għal dak l-att.
 7. Għalhekk huwa ssuġġerit li l-Coreper jirrakkomanda li l-Kunsill, bħala punt "A" fuq l-aġenda ta' waħda mil-laqgħat tiegħu li jmiss, jikkonferma li ma għandu l-ebda intenzjoni li joġġezzjona għall-atti delegati msemmija fil-punti 1 u 2 u li l-Kummissjoni u l-Parlament Ewropew jiġu infurmati b'dan.
 8. Dan jimplika li, dment li l-Parlament Ewropew ma joġġezzjonax, l-atti delegati għandhom jiġu ppubblikati u jidħlu fis-seħħ f'konformità mal-Artikolu 264(6) tar-Regolament (UE) 2016/429 ("Liġi dwar is-Saħħa tal-Annimali").
-